# PERSUNA U L-MISSJONI TA' SAN ĠUŻEPP

## HAJJA TA' KRISTU U TAL-KNISJA



**EŻORTAZZJONI APPOSTOLIKA TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II**

*Media Centre Publications 1990*

# EŻORTAZZJONI APPOSTOLIKA
# TAL-PAPA ĠWANN PAWLU II

DWAR

# IL-PERSUNA U L-MISSJONI

# TA' SAN ĠUŻEPP

# FIL-ĦAJJA TA' KRISTU

# U TAL-KNISJA

*MEDIA CENTRE PUBLICATIONS 1990*

Eżortazzjoni Appostolika
tal-Papa Ġwann Pawlu II dwar
**IL-PERSUNA U L-MISSJONI TA' SAN ĠUŻEPP FIL-ĦAJJA TA' KRISTU U TAL-KNISJA**

Media Centre Publications 1990
Produzzjoni: Media Centre Publications, Blata l-Bajda.
Traduzzjoni: Mons. Ġużeppi Lupi.

Mitbugħ: Media Centre Print, Blata l-Bajda.



*Lill-Isqfijiet*
*lis-saċerdoti u d-djakni,*
*lir-reliġjużi rġiel u nisa,*
*u lill-insara lajċi kollha.*

# DAĦLA

1. **Ġużeppi,** dak li kellu jieħu ħsieb il-Feddej...... **għamel kif ordnalu l-Anġlu tal-Mulej, u ħa 'l martu għandu.** (Mt. 1, 24)

Sa mill-ewwel żminijiet, imnebbħin mill-Evanġelju, Missirijiet il-Knisja għallmu li kif San Ġużepp bi mħabba kbira ħa ħsieb il-Verġni Marija u bil-ferħ kollu ħaseb għat-trobbija ta' Ġesù[1], hekk hu jħares u jieħu ħsieb il-Ġisem Mistiku ta' Kristu, jiġifieri l-Knisja, li tagħha l-Verġni Marija hi sura u xbieha.

Għaddew mitt sena minn meta l-Papa Ljun XIII ħareġ l-enċiklika *Quamquam pluries*[2] u f'din l-okkażjoni nixtieq inwasslilkom, ħuti, xi ħsibijiet dwar dak "li Alla ried jagħżlu biex jafdalu l-aqwa teżor tiegħu" [3] u hekk inkun qed inkompli l-qima mogħtija lil San Ġużepp tul il-mijiet tas-snin. Bil-qalb kollha jien irrid naqdi dan id-dmir pastorali tiegħi biex dejjem aktar tikber id-devozzjoni lejn San Ġużepp bħala patrun tal-Knisja Universali u biex tikber ukoll l-imħabba għas-Salvatur li San Ġużepp kien jaqdi b'mod ta' l-għaġeb, wisq aktar minn kull ħadd ieħor.

B'dan il-mod, il-poplu nisrani kollu mhux biss idur lejn San Ġużepp u b'ħeġġa akbar jitlob il-ħarsien tiegħu, imma jżomm ukoll dejjem fi ħsiebu l-mod kif San Ġużepp kien iġib ruħu, bl-umiltà u l-irġulija kollha, fil-qadi u fit-"tisħib" tiegħu fil-ħidma għas-salvazzjoni tal-bniedem.[4]

Jien żgur li jekk timmedita b'liema mod l-Għarus tal-Verġni Marija ssieħeb fil-misteru ta' Alla, il-Knisja, fil-mixi tagħha lejn il-ġejjieni, flimkien mal-familja kollha tal-bnedmin, tasal biex mill-ġdid tagħraf l-identità tagħha fil-pjan tas-salvazzjoni, **li għandu l-pedament tiegħu fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni.**

Dan hu proprju l-misteru li fih "kellu sehem" Ġużeppi ta' Nazaret, sehem li ebda bniedem ieħor qatt ma kellu, ħlief il-Verġni Marija, Omm il-Verb ta' Alla magħmul bniedem. Hu kien imsieħeb magħha f'dan il-misteru; kellu x'jaqsam ma' din il-ġrajja tas-salvazzjoni; kien hu dak li kellu taħt il-ħarsien tiegħu dik l-istess imħabba, li bil-qawwa tagħha l-Missier ta' dejjem "iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu" (Ef. 1, 5).

## X'JGĦIDILNA L-EVANĠELJU

### Iż-żwieġ mal-Verġni Marija

2. "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' li tieħu lil Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi jkollha iben u int issemmih Ġesù għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubietu". (Mt 1, 20-21). F'dan il-kliem għandna l-qofol tal-verità ta' l-Iskrittura dwar San Ġużepp, kliem li jfakkarna f'dak il-mument tal-ħajja ta' San Ġużepp li Missirijiet il-Knisja jsemmuh b'mod speċjali.

L-evanġelista San Mattew jurina x'kien ifisser dan il-mument u fl-istess ħin igħidilna wkoll kif għexu San Ġużepp. Iżda biex nifhmu sewwa din il-verità fil-kontest kollu tagħha, irridu niftakru wkoll dak li hemm fl-**Evanġelju ta' San Luqa.** F'San Mattew insibu: "It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: ommu Marija, **wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel** ma marru joqogħdu flimkien, **saret omm** bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu" (Mt 1,18).



Iżda kif il-Verġni Marija saret omm "bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu" ifissirulna San Luqa aktar fit-tul u b'mod aktar ċar, meta jitkellem dwar **it-tħabbira ta' l-Anġlu lil Marija tat-twelid ta' Ġesù.** "Alla bagħat l-Anġlu Gabrjel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Ix-xebba kien jisimha Marija" (Lq. 1, 26-27). It-tislima ta' l-Anġlu: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja. Il-Mulej miegħek" (Lq. 1, 28) ħawdet lil Marija u fl-istess ħin ġiegħelitha taħseb x'kienet dik it-tislima. L-Anġlu stess qawwielha qalbha huwa u juriha x'kien il-ħsieb ta' Alla għaliha: **"Tibżax, Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben** u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru" (Lq. 1, 30-32).

Ftit qabel l-evanġelista qal li fi żmien it-tħabbira ta' l-Anġlu, Marija kienet "mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David". X'kien dan iż-"żwieġ" ġie mfisser indirettament meta Marija staqsiet kif se jitwildilha binha: "Kif ikun dan, **la darba jiena verġni?"** (Lq 1, 34). L-Anġlu weġibha: "L-Ispirtu s-Santu jiġu fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jsejjaħ Bin Alla". (Lq. 1, 35). Għalkemm Marija kienet "mgħarrsa" lil Ġużeppi, hi se tibqa' verġni, għax dak li tnissel minnha mat-tħabbira ta' l-Anġlu, tnissel bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.

Hawn kliem San Luqa jaqbel ma' l-Evanġelju ta' San Mattew (1, 18) u jgħinna nifhmu dak li hemm miktub fih. Jekk wara l-għerusija ma' Ġużeppi, Marija "saret omm bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu", dan jaqbel ma' dak kollu li tfisser it-tħabbira ta' l-Anġlu, u l-aktar ma' l-aħħar kelmiet ta' Marija: **"Ħa jsir minni skond kelmtek"** (Lq. 1, 38).

Tul il-jiem u l-ġimgħat ta' wara, Marija, skond il-pjan ċar ta' Alla, quddiem in-nies u quddiem Ġużeppi, bdiet turi li kienet

"saret omm", mara li se tagħti twelid lil binha u tħaddan fiha nfisha l-misteru tal-maternità.

3. F'qagħda bħal din, "żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, u għalhekk għamel il-ħsieb li **jibgħatha bil-moħbi tan-nies**" (Mt. 1, 19). Ma kienx jaf x'jaqbad jagħmel quddiem il-maternità "ta' l-għaġeb" ta' Marija, u żgur fittex tweġiba għal din il-ħaġa li ħawditu ħafna, u fuq kollox ried jara kif jeħles minn qagħda li kienet iebsa ħafna għalih. Għalhekk **"meta kien għadu jaħsibha,** deherlu Anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu; **'Ġużeppi,** bin David, **xejn ma tibża' li tieħu 'l Marija b'martek,** għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu: hi se jkollha iben u int issemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom'" (Mt. 1, 20-21)

Hemm xebh mill-aqwa bejn it-"tħabbira" fl-Evanġelju ta' San Mattew u t-tħabbira fl-Evanġelju ta' San Luqa. **It-tħabbira ta' l-Anġlu ta' Alla daħħlet lil San Ġużepp fil-qofol tal-misteru tal-maternità ta' Marija.** Dik li skond il-liġi kienet "martu", waqt li ħarset bla mittiefsa xbubitha, saret omm bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Meta mbagħad l-Iben, li Marija ġabet fi ħdanha, twieled għad-dawl tad-dinja, kellu jingħata l-isem ta' Ġesù, isem li kien magħruf mill-Israelin u li xi kull tant kien jingħata lil ulied. Iżda issa **hu l-Iben innifsu,** skond ma wiegħed Alla, **li wassal għat-tifsir sħiħ ta' l-isem, Ġesù:** Yehosua, jiġifieri **Alla jsalva.**

L-Anġlu jkellem lil Ġużeppi bħala "l-għarus ta' Marija", bħala dak li, meta jasal il-waqt, kellu jagħti l-isem lil dak li kellu jitwieled mix-xebba ta' Nazaret, li kienet mgħarrsa miegħu. Għalhekk l-Anġlu **jdur fuq Ġużeppi u jafdalu d-dmir ta' missier fuq l-art għal Iben Marija.**

"Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-Anġlu tal-Mulej, u ħa **'l martu** għandu" (Mt. 1, 24): laqagħha bil-misteru kollu tal-maternità tagħha; laqagħha flimkien ma' Binha li kien se jitwieled fid-dinja bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Hekk San Ġużepp **wera l-istess rieda sħiħa ta' Marija** f'dak li Alla talbu permezz ta' l-Anġlu.



## II
## KELLU TAĦT IL-ĦARSIEN TIEGĦU L-MISTERU TA' ALLA

4. Meta Marija, ftit wara t-tħabbira ta' l-Anġlu, marret fid-dar ta' Żakkarija ħa żżur lill-qariba tagħha Elizabetta, malli selmitilha semgħat kliem Elizabetta li kienet "imtliet mill-Ispirtu s-Santu" (Lq. 1, 41). Elizabetta barra milli selmitilha bi kliem li jfakkar kliem it-tħabbira ta' l-Anġlu, żiedet tgħidilha **"Hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat igħidilha l-Mulej"** (Lq. 1, 45). Dan il-kliem kien il-qofol ta' l-enċiklika *Redemptoris Mater,* enċiklika li biha jien ridt nidħol aktar fil-fond tat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II li għallem illi **"l-Imqaddsa Verġni Marija mxiet ħafna 'l quddiem fil-pellegrinaġġ tal-fidi,** u żammet sħiħa l-għaqda tagħha ma' Binha sa fuq is-Salib"[5]; "imxiet l-ewwel waħda"[6] quddiem il-bnedmin kollha li jimxu wara Kristu permezz tal-fidi tagħhom.

Fil-bidu ta' dan il-pellegrinaġġ tal-fidi, **il-fidi ta' Marija tiltaqa' mal-fidi ta' San Ġużepp.** Elizabetta, għal Omm il-Feddej, qalet "hienja dik li emmnet"; b'xi mod dan l-hena hu wkoll ta' San Ġużepp, għaliex hu wieġeb "iva" għall-Kelma ta' Alla li ntqalitlu f'dak il-mument hekk importanti. Għalkemm San Ġużepp ma weġibx bl-istess mod kif wieġbet Marija għat-tħabbira ta' l-Anġlu, **"għamel** kif ordnalu l-Anġlu tal-Mulej u ħa lil martu għandu". **Dak li għamel hu eżempju mill-aktar ċar ta' l-"ubbidjenza tal-fidi"** (Rum. 1, 5; 16, 26; 2 Kor. 10, 5-6).

Nistgħu għalhekk ngħidu li **dak li għamel San Ġużepp** jorbtu b'mod tassew speċjali mal-fidi ta' Marija: **laqa'** bħala verità

ġejja mingħand Alla, **dak li Marija kienet ġa laqgħet** fit-tħabbira ta' l-Anġlu. Il-Konċilju jgħallimna li "nuru l-ubbidjenza tal-fidi lil Alla meta hu jirrivelalna lilu nnifsu; b'din l-ubbidjenza tal-fidi l-bniedem minn rajh jafda lilu nnifsu kollu kemm hu lil Alla, billi bil-fehma u bir-rieda kollha tiegħu, jilqa' għal kollox dak kollu li jiġi lilu rivelat minn Alla"[7]Dan il-kliem, li jolqot il-qofol ta' dak li hi l-fidi, **igħodd b'mod l-aktar perfett għal Ġużeppi ta' Nazaret.**

5. San Ġużepp ġie msejjaħ biex **ikun b'mod speċjali dak li jżomm taħt il-ħarsien tiegħu** "il-misteru li kien moħbi sa minn mijiet ta' snin f'Alla" (ara Ef. 3, 9) l-istess bħall-Verġni Marija, f'dak il-mument deċiżiv li San Pawl sejjaħlu **il-milja taż-żminijiet**, meta "Alla bagħat lil Ibnu mwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi biex jifdi lil dawk li kienu taħt taht il-liġi biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied" (Gal. 4, 4-5). Igħidilna l-Konċilju: "Alla, fl-għerf u t-tjieba tiegħu, għoġbu juri lilu nnifsu u jgħarraf il-misteru tar-rieda tiegħu (Ef. 1, 9), għax ried li l-bnedmin kollha jkollhom id-dħul għal għand il-Missier permezz ta' Kristu, il-Verb ta' Alla magħmul bniedem, u hekk jissieħbu fin-natura ta' Alla" (Ara Ef. 2, 18; 2 Piet. 1, 4)[8].

**Flimkien ma' Marija, San Ġużepp hu l-ewwel wieħed li għandu fdat lilu l-ħarsien ta' dan il-misteru.** Flimkien ma' Marija, u b'rabta magħha **hu ghandu sehem f'dan l-aħħar mument tar-rivelazzjoni ta' Alla nnifsu fi Kristu**, u dan iseħħ sa mill-bidu. Aħna u nikkunsidraw kliem l-evanġelisti San Mattew u San Luqa, nistgħu ngħidu wkoll li San Ġużepp kien l-ewwel wieħed li **kellu sehem fil-fidi ta' Omm Alla**, u b'hekk kien ta' għajnuna għaliha fil-fidi tat-tħabbira ta' l-Anġlu. Alla qiegħdu wkoll l-ewwel wieħed fit-triq tal-"pellegrinaġġ tal-fidi", triq li fiha l-Verġni Marija mxiet qabel kulħadd b'mod l-aktar perfett, speċjalment mill-Kalvarju sa Għid il-Ħamsin.[9]

6. Il-mixja ta' Ġużeppi, **il-pellegrinaġġ tiegħu tal-fidi**, in-



temmet l-ewwel, qabel ma Marija waqfet ħdejn is-salib fuq il-Kalvarju, u qabel iż-żmien li fih, wara li Kristu reġa' lura għand il-Missier, Marija kienet fiċ-Ċenaklu nhar Għid il-Ħamsin, meta l-Knisja dehret quddiem id-dinja, wara li twieldet bil-qawwa ta' l-Ispirtu tal-verità. Madankollu, **San Ġużepp mexa mill-istess triq tal-fidi**, triq kollha kemm hi tal-fidi fil-misteru li tiegħu San Ġużepp, flimkien ma' Marija, kellu jkun l-ewwel wieħed li jżommu taħt il-ħarsien tiegħu. L-inkarnazzjoni u l-fidwa għandhom rabta hekk sħiħa bejniethom li qatt ma tista' tinħall, rabta li fiha l-pjan tar-rivelazzjoni jseħħ permezz ta' kliem u ta' għemil marbutin bejniethom b'mod liema bħalu[10]. Proprju minħabba din ir-rabta, il-Papa Ġwanni XXIII, li kellu devozzjoni kbira lejn San Ġużepp, ried li San Ġużepp jissemma fil-Kanone Ruman tal-Quddiesa – li hi tifkira għal dejjem tal-fidwa - wara l-isem tal-Verġni Marija u qabel l-Appostli, il-Papiet u l-Martri[11].

**Il-ministeru ta' missier**

7. Kif nistgħu nifhmu mill-kliem ta' l-Evanġelju, il-paternità ta' San Ġużepp għandha l-pedament ġuridiku tagħha fiż-żwieġ ma' Marija. Alla għażel lil San Ġużepp bħala għarus tal-Verġni Marija biex ikun żgurat il-ħarsien ta' Ġesù minn missier putattiv. Minn dan jiġi li l-paternità ta' San Ġużepp (paternità li twasslu hekk qrib lejn Kristu, li bih kulħadd hu msejjaħ u predestinat ħa jkun jixbhu - ara Rum 8, 28-29) isseħħ permezz taż-żwieġ ma' Marija, jiġifieri permezz tal-familja.

Għalkemm l-evanġelisti b'mod l-aktar ċar jistqarru li Ġesù ġie konċeput mill-Ispirtu s-Santu u li l-Verġni Marija żammet bla mittiefsa xbubitha fiż-żwieġ (ara Mt. 1, 18-20; Lq 1, 26-34), huma jgħidu li San Ġużepp hu r-raġel ta' Marija, u li Marija kienet mart Ġużeppi (ara Mt. 1, 16.18-20.24; Lq. 1, 27; 2,5).

Fil-fehma tal-Knisja wkoll, hi importanti ħafna l-istqarrija tat-**tnissil ta' Ġesù... minn omm verġni**, daqskemm hi importanti

l-istqarrija **taż-żwieġ ta' Marija ma' San Ġużepp**..., għax minn dan iż-żwieġ toħroġ ġuridikament il-paternità ta' San Ġużepp. Dan igħinna nifhmu għax it-tnissil ta' Ġesù fl-Evanġelji ta' San Mattew u ta' San Luqa hu marbut mal-ġenealoġija ta' San Ġużepp. Jikteb Santu Wistin: "Għaliex it-tnissil ta' Ġesù ma kellux ikun marbut mal-ġenealoġija ta' San Ġużepp? M'huwiex Ġużeppi r-raġel ta' Marija?...... L-Iskrittura, fuq ix-xhieda ta' l-Anġlu, tgħidilna li Ġużeppi kien ir-raġel ta' Marija. **'Ġużeppi, xejn ma tibża' tieħu 'l Marija b'martek'**, qallu l-Anġlu, **'għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu'.**"

Ġużeppi wkoll kellu jagħti l-isem lit-tarbija, għalkemm ma kellu ebda sehem fit-tnissil tagħha. Qallu l-Anġlu: **"Hi se jkollha iben u inti ssemih Ġesù".** L-Iskrittura tgħidilna li Ġużeppi ma kellu ebda sehem fit-tnissil ta' Ġesù u meta sab ruħu mħawwad għax għaraf li Marija saret omm, ġie mgħarraf li dak li tnissel fiha **kien ġej mill-Ispirtu s-Santu**... iżda San Ġużepp ma ġiex imċaħħad mill-awtorità ta' missier, għaliex ġie lilu ordnat li jagħti l-isem lit-tifel. Barra dan il-Verġni Marija stess kienet taf li Ġesù ma tnissilx minn att taż-żwieġ ma' San Ġużepp, iżda f'dan kollu baqgħet issejjaħlu **missier Kristu**[12].

**Iben Marija** hu wkoll **iben Ġużeppi** minħabba r-rabta taż-żwieġ bejniethom. "Minħabba ż-żwieġ tagħhom **it-tnejn** kien jistħoqqilhom jissejħu l-ġenituri ta' Kristu, mhux biss Marija ommu, imma wkoll San Ġużepp għax kien ir-raġel ta' Omm Ġesù; it-tnejn ġenituri mhux skond il-ġisem imma **skond il-fehma"** [13]. Fiż-żwieġ ta' Marija u Ġużeppi ma kien hemm xejn nieqes minn dak li hu meħtieġ f'kull żwieġ: "Kull ġid li joħroġ minn żwieġ – l-ulied, il-fedeltà, is-sagrament – insibuh fiż-żwieġ tal-ġenituri ta' Ġesù: **l-ulied:** il-Mulej Ġesù hu l-iben; **il-fedeltà:** kien nieqes l-adulterju; **is-sagrament:** ma kienx hemm divorzju" [14]

Huma u jiflu sewwa x'inhu ż-żwieġ, kemm Santu Wistin u



kemm San Tumas, igħidu li l-qofol taż-żwieġ hu "ir-rabta fir-ruħ ta' tnejn, rabta li ma tinħall qatt", hu "l-għaqda tal-qlub", hu "l-kunsens" [15]. Dawn it-tliet elementi nsibuhom b'mod tassew eżemplari fiż-żwieġ ta' Marija u Ġużeppi. Fil-qofol tal-ġrajja tas-salvazzjoni, fil-mument li Alla wera mħabbtu għall-bnedmin bl-għoti tal-Verb tiegħu, **fiż-żwieġ ta' Marija u Ġużeppi** seħħ, b'mod "l-aktar ħieles", fil-milja kollha tiegħu, dak "l-għoti 'l xulxin fiż-żwieġ", huma u juru 'l xulxin u jilqgħu mingħand xulxin l-imħabba bejniethom [16]. "F'din il-ħidma hekk kbira tat-tiġdid ta' kollox fi Kristu, iż-żwieġ, imsaffi u mġedded, isir ħaġa ġdida, sagrament tal-Patt il-Ġdid. Kif fil-bidu tal-Patt il-Qadim insibu tnejn miżżewġin, hekk ukoll insibu tnejn miżżewġin fil-bidu tal-Patt il-Ġdid. U jekk iż–żwieġ ta' Adam u Eva kien il-bidu tad-deni kollu li nxtered mad-dinja, iż-żwieġ ta' Marija u Ġużeppi kien il-quċċata li minnha xterdet il-qdusija ma' l-art kollha. Il-Feddej ta bidu għall-opra tas-salvazzjoni miż-żwieġ qaddis tal-Verġni Marija ma' San Ġużepp, żwieġ li fih dehret ir-rieda ta' Alla li jista' kollox **li jsaffi u jqaddes il-familja**, li hi s-santwarju ta' l-imħabba u l-benniena tal-ħajja" [17]

Kemm għandha x'titgħallem il-familja minn dan kollu! Hi "l-imħabba li tagħmel il-familja dak li hi u turi x'inhi l-ħidma tagħha", "il-familja għandha **l-missjoni li tħares, tgħarraf u tagħti l-imħabba**, bħala dehra ħajja ta' l-imħabba ta' Alla għall-bniedem u ta' l-imħabba ta' Kristu l-Mulej għall-Għarusa tiegħu l-Knisja" [18]; għalhekk kull familja nisranija għandha tara x-xbieha u s-sura tagħha fil-Familja Mqaddsa, li hi l-ewwel "knisja ż-żgħira tad-dar", l-*ecclesia domestica.*[19] "Għal ħafna snin, l-Iben ta' Alla, skond il-pjan misterjuż ta' Alla, għex il-ħajja moħbija tiegħu fil-familja ta' Nazaret: għalhekk din il-familja hi sura u xbieha tal-familji nsara kollha, l-ewwel waħda fost il-familji nsara kollha" [20]

8. San Ġużepp ġie msejjaħ minn Alla biex jaqdi 'l Ġesù fil-

persuna u l-missjoni tiegħu, **billi jkun il-missier putattiv tiegħu**. B'hekk fil-milja taż-żminijiet ta l-għajnuna tiegħu fil-misteru kbir tal-fidwa u kien verament "ministru tas-salvazzjoni".[21] Wera bil-fatti l-paternità tiegħu San Ġużepp "billi ried li ħajtu kollha tkun ħajja ta qadi u ta' sagrifiċċju għall-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u għall-misteru tal-fidwa li hu marbut ma' l-Inkarnazzjoni: hu għamel użu mill-awtorità li kienet tagħtih il-liġi fuq il-Familja Mqaddsa biex jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu, ħajtu kollha u l-ħidma kollha tiegħu lil-Familja Mqaddsa, u biddel is-sejħa tiegħu bħala bniedem u l-imħabba tiegħu għall-familja fl-offerta soprannaturali tiegħu nnifsu, f'offerta li tisboq il-qawwiet kollha tal-qalb u tal-fakultajiet tal-bniedem, offerta ta' mħabba għall-qadi tal-Messija li kien qiegħed jikber f'daru" [22].

Il-Lturġija mqaddsa hija u tfakkar li ġie fdat għall-ħarsien ta' San Ġużepp "il-misteru tas-salvazzjoni sakemm kien għadu fil-bidu tiegħu", [23] tgħidilna wkoll li San Ġużepp, "il-qaddej fidil u għaqli", Alla qiegħdu "fuq il-familja tiegħu biex bis-setgħa ta' missier iħares lil Iben il-waħdieni tiegħu" [24]. Il-Papa Ljun XIII juri kemm kienet għolja din il-missjoni ta' San Ġużepp b'dan il-kliem: "Hu jisboq 'il kulħadd bid-dinjità għolja tiegħu għaliex fil-pjan ta' Alla hu kellu jkun dak li jkollu taħt il-ħarsien tiegħu l-Iben ta' Alla u jkun jitqies bħala missieru fil-fehma tan-nies. Minn dan kien jiġi li l-Verb ta' Alla kien joqgħod għal San Gużepp, kien jobdih u kien jagħtih il-ġieh li l-ulied huma fid-dmir li jagħtu lil missierhom" [25]

Ma jistax ikun li dmir hekk għoli ma jkollux miegħu dawk il-kwalitajiet meħtiega biex wieħed ikun jista' jaqdih sewwa, għalhekk għandna naħsbu li San Ġużepp wera lil Ġesù, "b'don speċjali mis-sema, dik l-imħabba kollha, dik il-ħeġġa u l-ħerqa kollha, li qatt jista' jkollha qalb ta' missier"[26]

Alla, lil San Ġużepp, flimkien ma' l-awtorità ta' missier, tah ukoll l-Imħabba ta' missier, dik l-imħabba li għandha l-bidu



tagħha fil-Missier tas-sema "li minnu tieħu isimha kull familja fis-sema u fl-art" (Ef. 3, 15).

Id-dmir ta' San Ġużepp bħala missier putattiv ta' Ġesù nsibuh imfisser sewwa fl-Evanġelju. Is-salvazzjoni li tiġina permezz ta' l-umanità ta' Ġesù, isseħħ b'ħidmiet li huma parti mill-ħajja ta' kull jum f'kull familja, dik is-sura ta' ħajja li l-Iben ta' Alla għoġbu jiċċekken biex jidħol għalija, sura ta' ħajja li kienet parti mill-pjan ta' l-Inkarnazzjoni. L-Evanġelisti kienu attenti ħafna li juru li xejn fil-ħajja ta' Ġesù ma sar b'kumbinazzjoni, imma kollox sar skond il-pjan imfassal minn Alla. Spiss fl-Evanġelju niltaqgħu ma' dan il-kliem: "dan kollu ġara biex iseħħ..." Dan il-kliem jorbot il-fatt li jkun qed isemmi l-Evanġelista ma' xi ġrajja partikulari tal-Patt il-Qadim, u hekk juri li wieħed kien il-pjan li Alla ħaddem tul iż-żminijiet kollha sa ma seħħ fi Kristu.

Bl-Inkarnazzjoni "il-wegħdiet" u "ix-xbihat" tal-Patt il-Qadim "saru fatti", il-postijiet u l-persuni, il-ġrajjiet u ċ-ċerimonji għandhom rabta bejniethom, skond il-ħsieb ta' Alla, mgħarraf mill-Anġli u milqugħ minn dawk li b'mod speċjali kienu lesti jilqgħu bil-qawwa kollha l-Kelma ta' Alla. Il-Verġni Marija kienet il-qaddejja umli tal-Mulej, imħejjija sa minn dejjem, biex tkun Omm Alla; San Ġużepp kien dak li Alla għażel biex ikun "dak li jkollu taħt il-ħarsien tiegħu t-twelid tal-Mulej"[27], u dmiru kien li jieħu ħsieb li l-Iben ta' Alla jidħol fid-dinja "b'ordni xieraq" jiġifieri skond ma jitolbu l-liġijiet ta' Alla u tal-bnedmin. Il-ħajja kollha "privata" u "moħbija" ta' Ġesù ġiet fdata għall-ħarsien ta' San Ġużepp.

## IĊ-ĊENSIMENT

9. San Ġużepp mar Betlehem għaċ-ċensiment biex jobdi ordni ta' l-awtorità leġittima tal-pajjiż u fl-istess ħin qeda d-dmir

tiegħu lejn it-tarbija Ġesù billi pubblikament niżżillu ismu fir-reġistri ta' l-imperu ta' Ruma: "Ġesù ta' Nazaret bin Ġużeppi" (Ġw. 1, 45). Din il-kitba ta' isem Ġesù fir-reġistri ta' l-imperu Ruman turi b'mod l-aktar ċar li Gesù hu bniedem fost il-bnedmin, jagħmel parti mill-familja tal-bnedmin, ċittadin ta' din id-dinja, suġġett tal-liġijiet u l-istituzzjonijiet tagħha, u fl-istess waqt **Feddej tad-dinja.** Il-qawwa teoloġika ta' dan il-fatt storiku, li hu ta' mportanza kbira, ifisirilna Origene: "X'jiswieli dan il-fatt li Ċesari Awgustu ħareġ digriet biex isir ċensiment fid-dinja kollha u li fost dawk kollha li nkitbu kien hemm ukoll Ġużeppi u Marija, l-għarusa tiegħu, li kienet tqila, u li qabel ma nkitbu, twieled Ġesù? Min jifli dan il-fatt b'aktar reqqa, għandu jaħseb li hawn għandna xi misteru, għaliex meta d-dinja kollha kienet qed tinkiteb, kellu jinkiteb Kristu wkoll. B'ismu mniżżel ma' dawk tan-nies kollha seta' jqaddes 'il kulħadd, u magħdud fiċ-ċensiment mad-dinja kollha, seta' joffri lid-dinja xirka miegħu, u, wara li nkiteb hu, kiteb id-dinja kollha miegħu fil-ktieb tal-ħajjin, biex, kull min jemmen fih, wara jinkiteb fis-sema mal-Qaddisin ta' Alla: lilu glorja u setgħa għal dejjem ta' dejjem. Amen."[28]

## IT-TWELID TA' BETLEHEM

10. Bħala dak li kellu taħt il-ħarsien tiegħu "il-misteru li kien moħbi sa minn mijiet ta' snin f'Alla" u li beda jseħħ quddiem għajnejh "fil-milja taż-żminijiet", **Ġużeppi, flimkien ma' Marija, f'dak il-lejl tal-Milied f'Betlehem** kien xhud magħżul tal-miġja ta' l-Iben ta' Alla fost il-bnedmin. Dan jikteb San Luqa: **"Meta kienu hemm, Marija għalqilha ż-żmien biex teħles, u tat lid-dinja l-ewwel iben tagħha,** fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda" (Lq. 2, 6-7).



Ġużeppi kien xhud li ra b'għajnejh it-twelid ta' Ġesù, twelid li seħħ f'kundizzjonijiet li, fil-fehma tal-bnedmin, kienu mill-agħar; kienet l-ewwel tħabbira ta' dik il-qagħda li Kristu aċċetta bil-qalb minn rajh, meta "ċekken" lilu nnifsu għall-maħfra tad-dnubiet (ara Fil. 2, 5-8). Fl-istess ħin, San Ġużepp kien ukoll xhud **tal-qima tar-ragħajja** li marru fil-post fejn twieled Ġesù, wara li l-Anġlu tahom l-aħbar ta' ferħ kbir (ara Lq. 2, 15-16); kien ukoll **imbagħad xhud tal-ġieh li taw lil Ġesù l-Maġi li ġew mil-Lvant** (ara Mt. 2, 11).

## IĊ-ĊIRKONĊIŻJONI

11. Il-ħtin ta' iben kien l-ewwel dmir reliġjuż ta' missier; dan Ġużeppi għamlu bħala dritt u dmir lejn Ġesù (ara Lq. 2, 21).

Il-prinċipju li jgħid illi r-riti kollha tal-Patt il-Qadim huma dell tal-verità sħiħa (ara Lh. 9, 9s; 10, 1) jurina għaliex Ġesù ħarishom. Bħar-riti l-oħra tal-Patt il-Qadim iċ-ċirkonċiżjoni f'Ġesù laħqet il-"perfezzjoni". Il-patt ta' Alla ma' Abraham, patt li tiegħu ċ-ċirkonċiżjoni kienet is-sinjal (ara Ġen. 17, 18) kiseb f'Ġesù l-qawwa kollha tiegħu u sħuħija perfetta, għaliex f'Ġesù l-wegħdiet kollha ta' Alla saru "iva" (ara 2 Kor. 1, 20).

## L-GĦOTI TA' L-ISEM

12. Ġużeppi ta' l-isem "Ġesù" lit-tifel fiċ-ċirkonċiżjoni. Ma hemmx isem ieħor li bih aħna għandna nkunu salvi (ara Atti 4, 12); it-tifsira ta' dan l-isem ġiet mogħtija lil Ġużeppi meta l-Anġlu ħabbarlu x'kellha tkun il-missjoni tiegħu: "Inti ssemmih Ġesù għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (Mt. 1, 21). Bl-għoti ta' l-isem lil Ġesù, Gużeppi wera l-paternità

leġittima tiegħu fuq Ġesù, u meta semmih "Ġesù", wera x'kellha tkun il-missjoni tat-tifel bħala Feddej.

## IL-PREŻENTAZZJONI FIT-TEMPJU

13. Ir-rit tal-preżentazzjoni fit-tempju (Lq. 2, 22s), imfakkar minn San Luqa, iħaddan il-fidwa ta' l-ewwel imwieled u jitfa' wkoll dawl fuq it-tlett ijiem li Gesù għadda fit-tempju meta kellu tnax-il sena.

Dmir ieħor tal-missier kien **il-fidwa ta' l-ewwel imwieled**, u dan Ġużeppi għamlu wkoll. L-ewwel imwieled kien jirrappreżenta l-poplu tal-Patt, meħlus mill-jasar, ħa jkun kollu kemm hu ta' Alla. Hekk Ġesù, li hu l-veru "prezz" tal-fidwa tal-bniedem (ara I Kor. 6, 20; 7, 23; I Piet. 1, 19) mhux biss "temm" ir-rit tal-Patt il-Qadim, imma, fl-istess ħin ukoll issuperah, għaliex hu ma kienx mifdi, imma kien il-Feddej.

L-Evanġelista jgħidilna li "missieru u ommu baqgħu mistagħġba b'dak li kien qiegħed jingħad fuqu" (Lq. 2, 33), **u l-aktar b'dak li qal fuqu x-xwejjaħ Xmun**; fil-kantiku tiegħu lil Alla, tkellem dwar Ġesù bħala "is-salvazzjoni... li Alla ħejja għall-poplu kollu" u "dawl biex idawwal il-ġnus u glorja tal-poplu ta' Israel", u wkoll "sinjal li jmeruh" (Lq. 2, 30-34).

## IL-ĦARBA FL-EĠITTU

14. Wara l-preżentazzjoni fit-tempju, San Luqa jgħid: "Malli temmew kull ma kellhom jagħmlu skond il-liġi ta' Mosè, **reġgħu lura lejn il-Galilija** fil-belt tagħhom ta' Nazaret. It-tfajjel baqa' jikber u jissaħħaħ, mimli bil-għerf. U l-grazzja ta' Alla kienet fuqu" (Lq. 2, 39-40).



Iżda **San Mattew igħidilna** li qabel stess ma reġgħu lura lejn il-Galilija, seħħet ġrajja importanti ħafna, ġrajja li fiha l-providenza ta' Alla rikorriet għand San Ġużepp. Naqraw fl-Evangelju ta' San Mattew: "Meta (l-Maġi) telqu deher l-Anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi u qallu: **"Qum, ħu miegħek lit-tifel u 'l ommu u aħrab lejn l-Eġittu** u ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien, għax Erodi se jfittex it-tifel biex joqtlu" (Mt. 2, 13). Erodi, bil-miġja tal-Maġi mil-lvant, sar jaf bit-twelid tas-"sultan tal-Lhud" (ara Mt. 2, 2). Meta telqu l-Maġi "bagħat jeqred f'Betlehem u fl-inħawi kollha tagħha t-tfal subien kollha ta' minn sentejn 'l isfel" (Mt. 2, 16). Bil-qtil ta' dawn it-tfal ittama li jeqred ukoll is-"sultan tal-Lhud" li kien għadu kemm twieled, is-"sultan" li sar jaf dwaru mingħand il-Maġi. Għalhekk Ġużeppi, imwissi b'ħolma, ħa miegħu t-tifel u 'l ommu bil-lejl, **u warrab lejn l-Eġittu** u baqa' hemmhekk, **sal-mewt ta' Erodi**. B'hekk seħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: 'Mill-Eġittu sejjaħt lil ibni'" (Mt. 2, 14-15; ara Hos. 11, 1).

Hekk Ġesù rega' lura minn Betlehem għal Nazaret billi għadda mill-Eġittu. Kif Israel ħareġ mill-Eġittu, minn "dar il-jasar", biex jagħti bidu għall-Patt il-Qadim, hekk **Ġużeppi, imsejjaħ biex iżomm taħt il-ħarsien tiegħu l-misteru tal-Provvidenza ta' Alla u jgħin biex iseħħ** fl-eżilju ta' l-Eġittu żamm taħt il-ħarsien tiegħu, bil-għaqal kollu, lil dak li bih kellu jseħħ il-Patt il-Ġdid.

## IT-TLITT IJIEM FIT-TEMPJU

15. Mill-mument tat-tħabbira, Marija u Ġużeppi b'xi mod sabu ruħhom **fil-qalba tal-misteru**, moħbi sa minn mijiet ta' snin f'Alla, misteru li fl-aħħar deher f'ġisem bħal tagħna: **"Il-Verb sar bniedem u għammar fostna"** (Ġw. 1, 14). Għammar fost

il-bnedmin u l-għamara tiegħu kienet **fil-familja ta' Nazaret**, waħda mill-ħafna familji ta' l-art ta' Israel. Hawn Ġesù "kien jikber u jissaħħaħ, mimli bl-għerf, u l-grazzja ta' Alla kienet miegħu" "Lq. 2, 40). Dawn il-ftit kelmiet ta' l-Evanġelju jħaddnu **ż-żmien kollu tal-ħajja "moħbija"**, li ma' tulha Ġesù kien qed iħejji ruħu għall-missjoni messjanika tiegħu. Fatt wieħed biss ta' din il-ħajja moħbija **nsibuh fl-Evanġelju ta' San Luqa: il-festa ta' l-Għid f'Ġerusalemm meta Ġesù kellu tnax-il sena**.

Ġesù ħa sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni bħala pellegrin żagħżugħ flimkien ma' Marija u Ġużeppi. U ġara li "wara li għaddew dawk il-ġranet, qabdu t-triq lura, imma t-tfajjel Ġesù baqa' Ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu" (Lq. 2, 43). Wara jum mixi, intebħu li Ġesù ma kienx magħhom, u "fittxewh fost qrabathom u n-nies li kienu jafuhom. "Wara tlett ijiem sabuh fit-tempju, bil-qiegħda f'nofs l-għalliema, jismagħhom u jistaqsihom u kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu" (Lq. 2, 46-47). Marija qaltlu: "Ibni, dan għax għamiltilna hekk? **Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma!"** (Lq. 2, 48). It-tweġiba li tahom Ġesù kienet tweġiba li ma fehmuhiex; qalilhom: "U għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li **jiena ghandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?"** (Lq. 2, 49-50). Din it-tweġiba kellu Ġużeppi; ftit qabel Marija sejħitlu "missierek"; u hekk, fl-aħħar mill-aħħar, kienu jgħidu u jaħsbu n-nies: "Ġesù... in-nies kienu jaħsbuh bin Ġużeppi" (Lq. 3, 23). Madankollu t-tweġiba li kellu l-"missier putattiv" ta' Ġesù, fakkritu f'dak li kien sema' tnax-il sena qabel: "Ġużeppi...... xejn la tibża' li tieħu 'l Marija b'martek, għax **dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu"**. Sa minn dak iż-żmien hu kien għaraf li kien ġie fdat lilu l-misteru ta' Alla biex iżommu taħt il-ħarsien tiegħu; Ġesù, ta' tnax-il sena, **hu** stess fakkar dan il-misteru: "Jiena għandi nkun f'dak li hu ta' MIssieri".



## IT-TROBBIJA U T-TRAWWIM TA' ĠESÙ F'NAZARET

16. Ġesù "baqa' jikber fil-gherf, fis-snin u fil-grazzja" (Lq. 2, 52) fi ħdan il-Familja Mqaddsa taħt għajnejn San Ġużepp, li kellu d-dmir importanti li "irabbi" 'l Ġesù, jiġifieri jmantnih, ilibbsu u jgħallmu l-Liġi u xi sengħa, kif jitlob id-dmir ta' missier.

Fis-Sagrifiċċju ta' l-Ewkaristija l-Knisja ġġedded l-ewwelnett it-tifkira tal-glorjuża dejjem Verġni Marija...... u ta' l-għarus tagħha San Ġużepp[29], għaliex hu rabba lil dak li l-poplu nisrani jirċievi bħala ħobż li niżel mis-sema[30].

Min-naħa tiegħu, Ġesù "kien jobdihom" (Lq. 2, 51) jiġifieri juri il-qima u r-rispett lejn "il-ġenituri tiegħu", għall-imħabba li kienu juruh. B'dan il-mod, Ġesù ried iqaddes id-dmirijiet tal-familja u tax-xogħol li hu għamel ma' San Ġużepp.

## III

## IL-BNIEDEM ĠUST – IR-RAĠEL TA' MARIJA

17. Tul ħajtu kollha, Ġużeppi mexa l-mixja tiegħu tal-fidi, bħall-Verġni Marija, u ħares sa l-aħħar ta' ħajtu s-sejħa li għamillu Alla. Marija, b'ħajjitha kollha, kellha twassal il-*fiat* li tat fit-tħabbira ta' l-Anġlu, għall-perfezzjoni sħiħa tagħha; imma San Ġużepp **għat-tħabbira li saritlu mill-Anġlu** ma ta ebda tweġiba, iżda **għamel** biss kif ordnalu l-Anġlu tal-Mulej (Mt. 1, 24). **Dan l-ewwel "egħmil" ta' San Ġużepp sar imbagħad l-"egħmil" ta' ħajtu kollha**. L-Evanġelisti qatt ma jsemmu xi kelma li qal San Ġużepp tul ħajtu kollha. Iżda **s-skiet ta' San Ġużepp** jitkellem b'qawwa liema bħalha, ghaliex f'dan is-skiet nistgħu nifhmu l-verità ta' dak li jgħid l-Evanġelju dwar San Ġużepp li kien "raġel ġust" (Mt. 1, 19).

Jeħtieġ li nifhmu sewwa din il-verità għaliex fiha hemm **xhieda mill-aqwa dwar San Ġużepp u l-missjoni tiegħu**. Tul

iż-żminijiet, il-Knisja ħarset lejn din ix-xhieda b'attenzjoni dejjem akbar, għax għarfet toħroġ "sew il-ġdid u sew il-qadim" (Mt. 13, 52) minn dak it-teżor li hu l-figura singulari ta' San Ġużepp.

18. Ir-"raġel ġust" ta' Nazaret kellu l-ewwelnett l-aqwa kwalitajiet li jista' jkollu raġel. L-Evanġelista jurina 'l Marija bħala "xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi" (Lq. 1, 27). Qabel stess ma beda jseħħ "il-misteru moħbi sa minn mijiet ta' snin f'Alla" (Ef. 3, 9), l-Evanġelji juruna **x-xbieha ta' raġel u mara**. Skond id-drawwiet tal-Lhud iż-żwieġ kellu żewġ taqsimiet: fl-ewwel taqsima kienet issir ir-rabta taż-żwieġ skond il-liġi (għalhekk kien żwieġ tassew); imbagħad biss wara xi żmien ir-raġel kien jieħu f'daru 'l martu.

Għalhekk qabel ma' Marija marret tgħix ma' Ġużeppi, kienet ġa "martu"; **iżda Marija baqgħet tgħożż ix-xewqa kbira tagħha li tagħti ruħha kollha kemm hi lil Alla biss**. Wieħed jista' jistaqsi kif din ix-xewqa ta' Marija tista' toqgħod maż-"żwieġ" tagħha. It-tweġiba tagħtihielna biss il-ġrajja tas-salvazzjoni kif bdiet isseħħ bil-ħidma speċjali ta' Alla nnifsu. Sa mill-ewwel mument tat-tħabbira ta' l-Anġlu, Marija kienet taf li **kellha tħares il-fehma tagħha li tibqa' dejjem verġni**, biex tingħata kollha kemm hi u għal kollox lil Alla **ħalli tkun Omm l-Iben ta' Alla**. Il-maternità bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu kienet is-sura ta' l-għoti, li Allá talab lill-Verġni Marija, "mgħarrsa" ma' Ġużeppi. Għalhekk Marija tat il-*fiat* tagħha, qalet "ħa jsir minni skond kelmtek".

L-għerusija ma' Ġużeppi, kienet parti **mill-istess pjan ta' Alla**. Dan fakkruh minn qabel iż–żewġ Evanġelisti, b'mod speċjali, San Mattew. Ifisser ħafna l-kliem li ngħad lil San Ġużepp: "Tibżax tieħu 'l Marija **b'martek**, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu" (Mt. 1, 20). Dan il-kliem kien ifisser il-misteru ta' mart Ġużeppi: Marija kienet verġni u omm, kienet verġni fil-maternità tagħha. Fiha "Bin il-Għoli" sar bniedem, ħa l-ġisem ta' bniedem, u sar "Bin il-Bniedem".



**Alla kellem lil Ġużeppi** bi kliem l-Anġlu **bħala r-raġel tal-Verġni ta' Nazaret**. Dak li seħħ fiha bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu **wettaq ir-rabta taż-żwieġ** li ġa kien hemm bejn Marija u Ġużeppi. L-Anġlu kellem b'mod l-aktar ċar lil Ġużeppi: "Tibżax tieħu 'l Marija **b'martek**". Mela, dak li kien sar qabel – iż-żwieġ ta' Ġużeppi ma' Marija – kien sar bir-rieda ta' Alla u għalhekk kellu jibqa'. Kien jeħtieġ mela li Marija tgħix ta' Omm Alla bħala "xebba mgħarrsa lil Ġużeppi" (ara Lq. 1, 27)

19. **San Ġużepp** mhux biss **sama'**, bit-tħabbira ta' l-Anġlu f'ħolma, il-verità ta' Alla dwar il-vokazzjoni ta' l-għaġeb ta' martu, imma **reġa' sama' wkoll il-verità dwar il-missjoni tiegħu**. Dan ir-raġel "ġust" li ħabb lill-Verġni ta' Nazaret skond it-tradizzjonijiet l-aktar għolja tal-poplu magħżul ta' Alla, u kien marbut magħha fl-imħabba bir-rabta taż-żwieġ, ġie mill-ġdid imsejjaħ minn Alla biex juriha din l-imħabba.

"Ġużeppi... għamel kif ordnalu l-Anġlu u ħa 'l martu għandu" (Mt. 1, 24). Dak li tnissel fiha "ġej mill-Ispirtu s-Santu": tgħid, ma nistgħux nifhmu minn dan il-kliem **li l-imħabba ta' Ġużeppi bħala r-raġel ta' Marija ġie wkoll imġedded mill-Ispirtu s-Santu**? M'għandniex forsi naħsbu li l-imħabba ta' Alla li ssawwbet fi qlub il-bnedmin bl-Ispirtu s-Santu (ara Rum. 5, 5) tagħmel perfetta għal kollox kull imħabba tal-bniedem? Din l-imħabba ta' Alla, b'mod tassew speċjali, issawwar l-imħabba tal-miżżewġin billi tqawwi u tgħolli kull ma hu sabiħ u jixraq lill-bniedem, kull ma jfisser l-għoti lil xulxin tagħhom it-tnejn kollhom kemm huma, patt bejn żewġ persuni, xirqa vera skond is-sura tal-misteru tat-Trinità Qaddisa.

"Ġużeppi... ħa 'l martu għandu, **imma baqa' ma għarafhiex** sa ma kellha iben". (Mt. 1, 24-25) Dan il-kliem ifisser **sura oħra ta' qrib xulxin fiż-żwieġ**. L-ogħla sura ta' qrib xulxin, jew aħjar,

il-qawwa ta' l-għaqda u x-xirka fir-ruħ ta' żewġ miżżewġin, fl-aħħar mill-aħħar tiġi mill-Ispirtu s-Santu, "il-Mulej li jagħti l-ħajja" (Ġw. 6, 63). **Ġużeppi, fl-ubbidjenza tiegħu lill-Ispirtu s-Santu, fl-Ispirtu s-Santu sab l-għajn ta' l-imħabba** tiegħu ta' raġel fiż-żwieġ, imħabba li hi aqwa minn dik li "raġel ġust" seta' qatt jistenna minn qalb ta' bniedem.

20. Il-Liturġija tagħti ġieh lill-Verġni Maria bħala dik li kienet "marbuta ma' Ġużeppi b'rabta liema bhalha ta' mħabba safja" [31]. Hawn għandna żewġ suriet ta' mħabba li **flimkien** juru l-misteru tal-Knisja, Verġni u Omm, u li huma simboleġġjati fiż-żwieġ ta' Marija u Ġużeppi. "Il-verġinità (u ċ-ċelibat) għas-saltna ta' Alla ma tmurx kontra d-dinjità taż-żwieġ, imma tit-lobha u twettaqha. Iż-żwieġ u l-verginità huma żewġ suriet li bihom wieħed juri u jgħix il-misteru waħdieni tal-Patt ta' Alla mal-poplu tiegħu" [32], patt li hu xirka ta' mħabba bejn Alla u l-bnedmin.

Bis-sagrifiċċju sħiħ tiegħu nnifsu, Ġużeppi wera mħabba liema bħalha għal Omm Alla għax ta "lilu nnifsu kollu kemm hu" lilha. U dan ukoll għax ħass li kellu jżomm ruħu lura biex ma jfixkilx il-pjan ta' Alla li kien qed iseħħ fiha; għalhekk ħa għandu 'l martu waqt li wera qima għall-għoti sħiħ tagħha kollha kemm hi lil Alla. Min-naħa l-oħra, id-dinjità singulari ta' Ġużeppi u d-drittijiet tiegħu fuq Ġesù kienu ġejjin miż-żwieġ ma' Marija. "Tant hi għolja d-dinjità tal-Verġni Marija li żgur ma hemm xejn aqwa minnha, iżda ghaliex kien hemm ir-rabta taż-żwieġ ta' Ġużeppi ma' l-Imqaddsa Verġni Marija ma hemmx dubju **li ħadd daqs Ġużeppi... ma seta' jersaq** lejn dik id-dinjità hekk għolja li minħabba fiha l-Omm ta' Alla kienet tisboq għal kollox il-ħlejjaq kollha. iż-żwieġ huwa l-ogħla xirka u rabta fost kull xirka u rabta, għaliex iż-żwieġ jitlob li l-ġid kollu ta' kull wieħed mill-miżżewġin ikun tat-tnejn flimkien; għalhekk jekk Alla ta 'l Gużeppi lil Marija fiż-żwieg, ma tahx biss bħala sieħeb ta'



ħajjitha, xhud ta' xbubitha, u difensur ta' ġieħha, imma tah ukoll **sehem**, permezz taż-żwieg, mid-dinjità l-aktar għolja tagħha".[33]

21. Fil-ħajja tal-Familja Mqaddsa naraw rabta kbira ta' mħabba, l-ewwel fost il-faqar ta' Betlehem, imbagħad fl-eżilju fl-Eġittu, u fl-aħħarnett fid-dar ta' Nazaret. Il-Knisja tagħti qima liema bħalha lil din il-Familja, u turiha bħala eżempju għal kull familja. Il-Familja ta' Nazaret, li tinsab fil-qofol tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, hi wkoll misteru singulari. U f'dan il-misteru tal-Familja Mqaddsa, insibu wkoll, kif insibu fil-misteru ta' l-Inkar-nazzjoni, paternità vera; **is-sura umana tal-familja ta' l-Iben ta' Alla**, li kienet vera familja ta' bnedmin, imfassla mill-misteru ta' Alla. F'din **il-familja, Ġużeppi hu l-missier**, għalkemm **il-paternità** tiegħu mhux ġejja minn tnissil. Iżda din il-paternità m'hijiex biss "dehra taparsi" m'hijiex biss apparenti u "sostitut-tiva", imma **hija paternità vera** bid-dmir ta' missier ta' familja. Dan jiġi mill-unjoni ipostatika, jiġifieri mill-għaqda tan-natura ta' Alla man-natura ta' bniedem fil-Persuna ta' l-Iben ta' Alla magħmul bniedem. Flimkien man-natura ta' bniedem, Kristu ħa **kull ma hu tal-bniedem, u b'mod speċjali l-familja**, li hi l-ewwel kondizzjoni tal-ħajja tal-bniedem fid-dinja. B'hekk il-paternità ta' Ġużeppi bħala bniedem daħlet fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni.

Skond dan il-prinċipju, il-kliem li Marija qalet fit-tempju lil Ġesù, meta kellu tnax-il sena, jieħu t-tifsir sħiħ tiegħu: **"Ara, missierek** u jiena...... konna qegħdin infittxuk". Dan m'huwiex kliem ordinarju u konvenzjonali.

Kliem Marija juri l-verità sħiħa ta' l-Inkarnazzjoni li tinsab fil-misteru tal-Familja ta' Nazaret. Ġużeppi, li sa mill-bidu jaċċetta, **bl-ubbidjenza tal-fidi, li jkun missier** putattiv ta' Ġesù, imdawwal mill-Ispirtu s-Santu, li jingħata lill-bnedmin permezz tal-fidi, wasal biex jagħraf dejjem aktar **id-don ta' ġieh liema bħalu tal-paternità tiegħu.**

## IV
## IX-XOGĦOL BĦALA XHIEDA TA' MĦABBA

22. **Ix-xogħol kien kull jum xhieda ta' l-imħabba fil-ħajja tal-Familja ta' Nazaret.** L-Evanġelju jgħidilna liema xogħol kien jagħmel San Ġużepp biex imantni l-familja: **kien mastrudaxxa**. Il-ħajja ta' mastrudaxxa kienet il-ħajja kollha ta' San Ġużepp. Dawn kienu s-snin tal-ħajja moħbija ta' Ġesù li l-Evanġelista jsemmi wara l-ġrajja ta' Ġesù fit-tempju: "Niżel magħhom u reġa' mar Nazaret u kien jobdihom". (Lq. 2, 51) Din l-ubbidjenza ta' Ġesù f'Nazaret, għandna nifhmuha wkoll bħala tisħib fix-xogħol ta' Ġużeppi. Dan li kien magħruf bħala "bin il-mastrudaxxa", tgħallem is-sengħa tal-**missier** putattiv tiegħu. Jekk il-familja ta' Nazaret, fl-ordni tal-qdusija u tas-salvazzjoni hi xbieha u eżempju għall-familji kollha tal-bnedmin, hekk ukoll hi xbieha u eżempju **l-ħidma ta' Ġesù ma' ġenb Ġużeppi fil-ħanut ta' Nazaret**. Fi żmienna, il-Knisja tat ġieh lil din il-ħidma biċ-ċelebrazzjoni liturġika ta' San Ġużepp Ħaddiem fl-ewwel ta' Mejju. Ix-xogħol tal-bniedem, u b'mod speċjali x-xogħol ta' l-idejn, l-Evanġelju jagħtih qawwa partikulari.

Fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, l-Iben ta' Alla, flimkien man-natura ta' bniedem, ħa wkoll ix-xogħol tal-bniedem u hekk ix-xogħol ukoll ġie mifdi b'mod speċjali. Mill-ħanut tax-xogħol, fejn Ġużeppi kien jaħdem flimkien ma' Ġesù, ix-xogħol tal-bniedem resaq lejn il-misteru tal-fidwa.

23. Waqt li Ġesù kien qed jikber "fil-għerf, fis-snin u fil-grazzja", ix-xogħol, bħala virtù, kellu importanza kbira għaliex ix-xogħol "hu ġid għall-bniedem", għax bih "b'xi mod il-bniedem isir aktar bniedem". [34]

Il-piż tax-xogħol fil-ħajja tal-bniedem, minnu nnifsu jitlob li jkun magħruf u milqugħ, biex "ikun ta' għajnuna għall-bnedmin, ħalli bih jersqu aktar qrib Alla, li ħalaqhom u fdiehom, ħa jissieħbu fil-pjan tiegħu għas-salvazzjoni tal-bnedmin u tad-



dinja, u jsaħħu l-ħbiberija ma' Kristu f'ħajjithom, billi jissieħbu b'fidi ħajja fil-missjoni tiegħu ta' saċerdot, profeta u sultan".[35]

24. Fl-aħħar mill-aħħar dak li jgħodd huwa l-qdusija tal-ħajja ta' kull jum, li kull wieħed hu fid-dmir li jikseb skond ma tkun il-qagħda tiegħu, qdusija li tiġi 'l quddiem fuq eżempju li jkun jiswa għal kulħadd. "Ġużeppi hu xbieha ta' dawk iż-żgħar kollha li l-fidi nisranija waslitilhom għall-ogħla ġieh... u prova ta' dan hu li, biex bniedem ikun bniedem tajjeb u veru dixxiplu ta' Kristu, ma hemmx għalfejn jagħmel "ħwejjeġ kbar", imma biss li jkollu dawk il-virtujiet sempliċi li jista' jkollu kull bniedem basta jkunu virtujiet veri u sodi".[36]

## V
## IL-PRIMAT TAL-ĦAJJA TAR-RUĦ

25. Is-skiet li jħaddan il-ħajja kollha ta' Ġużeppi, iħaddan ukoll il-ħidma tiegħu ta' mastrudaxxa fid-dar ta' Nazaret. Iżda **dan is-skiet b'mod speċjali jurina x'kienet is-sura tar-ruħ ta' dan il-bniedem**. L-Evanġelju jgħidilna biss dak li "għamel" Ġużeppi, iżda fl-istess ħin, f'dan is-skiet, iħallina naraw **x'kontemplazzjoni għolja** dan l-"egħmil" kellu miegħu. San Ġużepp kien igħix kull jum mal-misteru "moħbi sa minn mijiet ta' snin", li kien "igħammar" f'daru. Kien għalhekk li, biex isemmu eżempju, Santa Tereża ta' Ġesù, il-qaddisa kbira li ġabet it-tiġdid tal-Karmlitani kontemplativi, ħabirket ħafna ħa tqajjem mill-ġdid fost l-insara tal-punent id-devozzjoni lejn San Ġużepp.

26. Is-sagrifiċċju sħiħ, li bih San Ġużepp offra ħajtu kollha kemm hi għal dak li kienet titlob il-miġja tal-Messija f'daru, nifhmuh biss fid-dawl tal-ħajja spiritwali tiegħu. Minn din il-ħajja "ħarġu l-ordnijiet speċjali li kellu u kull faraġ li ġarrab, ħajja li tagħtu r-raġuni u l-qawwa li jista' jkollu biss min hu ċar u bla qerq fil-fehmiet tiegħu, u tagħtu l-kuraġġ li joqgħod għar-rieda ta' Alla

u jiċċaħħad mil-libertà tiegħu u mis-sejħa tiegħu bħala raġel u mill-hena taż-żwieġ, ħaġa li waslitu biex jitgħabba bid-dmirijiet u l-piż tal-familja, waqt li jiċċaħħad mill-imħabba naturali fiż-żwieġ, imħabba li biha sseħħ u titmantna l-familja, u dan b'ġieh imħabba verġinali li ma hemmx oħra bħalha".[37]

Din l-ubbidjenza lejn Alla, din ir-rieda li jingħata minnufih għal kull ma jitlob il-qadi ta' Alla, m'humiex għajr dak **l-egħmil ta' devozzjoni** li juri l-virtù tar-reliġjon.[38]

27. Ix-xirka li kien hemm fil-ħajja ta' Ġesù u ta' Ġużeppi twassalna biex nikkunsidraw mill-ġdid il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni billi naraw kif in-natura ta' bniedem ta'Kristu kienet l-istrument li bih in-natura tiegħu ta' Alla qaddset il-bniedem: "L-egħmil kollu tiegħu kien ta' salvazzjoni għalina bil-qawwa divina tiegħu, għaliex kisbilna l-grazzja bil-merti u l-qawwa ta' għemilu".[39]

Fost l-għemil kollu li jsemmu l-Evanġelisti, l-aqwa importanza jagħtuha lill-għemil li kellu x'jaqsam mal-misteru ta' l-Għid tiegħu; iżda jsemmu wkoll l-importanza tal-kuntatt fiżiku ma' Ġesù fil-mirakli tal-fejqan (ara v.g. Mk 1, 41) u l-qawwa li wera ma' San Gwann Battista meta dan kien għadu f'ġuf ommu (ara Lq. 1, 41-44).

Kif rajna aktar 'il fuq, ix-xhieda ta' l-Appostli ma ħallitx barra la t-twelid ta' Ġesù, la l-ħtin tiegħu, la l-preżentazzjoni fit-tempju, la l-ħarba fl-Eġittu u lanqas il-ħajja moħbija f'Nazaret; dan għaliex, f'dawn il-"ġrajjiet" kollha tas-salvazzjoni, hemm il-"misteru" tal-grazzja, għaliex il-qawwa kollha tagħhom ġejja minn ghajn waħda: id-divinità ta' Kristu. Jekk din l-imħabba xterdet fil-bnedmin kollha permezz ta' l-umanità ta' Kristu, l-ewwel li gawdew minnha kienu dawk li Alla, bir-rieda tiegħu, ried li jkunu marbutin miegħu b'rabta liema bħalha: l-omm ħelwa tiegħu Marija u l-missier putattiv tiegħu San Ġużepp.[40]

Għaliex, nistaqsi, l-imħabba ta' Gużeppi "bħala missier" ma kellhiex tinfluwenza l-imħabba ta' Kristu "bħala iben"? U, għall-kuntrarju, għaliex l-imħabba "bħala iben" ta' Ġesù ma kellhiex tqanqal f'Gużeppi l-imħabba tiegħu "bħala missier"? U għalhekk għaliex ma għandniex nidħlu aktar fil-fond f'din ir-rabta hekk għolja ta' mħabba bejniethom? Mhux ta' xejn, dawk il-bnedmin li jħossu b'mod l-aktar għoli f'ruħhom il-qawwa ta' l-imħabba ta' Alla, jaraw f'San Ġużepp xbieha mil-aqwa ghalihom tal-ħajja tar-ruħ.



Barra dan, il-ħajja attiva u l-ħajja kontemplattiva li qishom jidhru li ma jmorrux flimkien, f'San Gużepp, isibu dik l-armonija sħiħa bejniethom, li tista' tinsab biss f'dawk li fihom l-imħabba tilħaq il-perfezzjoni sħiħa tagħha. Waqt li nagħmlu għażla bejn **l-imħabba għall-verità** u bejn **dak li titlob l-imħabba**, [41] bir-raġun kollu nistgħu ngħidu li San Ġużepp kellu **l-imħabba għall-verità**, jiġifieri kien jikkontempla b'imħabba liema bħalha l-Verità ta' Alla li kienet tiddi fl-umanità ta' Kristu, u għamel **kull ma titlob l-imħabba**, għaliex kellu dik l-imħabba safja li kienet titlob minnu l-missjoni tiegħu li jħares u jrawwem 'l Kristu bħala bniedem.

## VI
## PATRUN TAL-KNISJA FI ŻMIENNA

28. Fi żminijiet l-aktar diffiċli għall-Knisja, il-Papa Piju IX ried jafdaha taħt il-ħarsien speċjali tal-Patrijarka San Ġużepp, u għalhekk iddikjarah bħala "Patrun tal-Knisja Universali"[42]. Dan il-Papa kien jaf li ma kienx qed jagħmel xi ħaġa barra minn lokha, għaliex minħabba d-dinjità għolja li ngħatat lil dan il-qaddej fidil u għaqli, "il-Knisja, wara l-Imqaddsa Verġni Marija, l-Għarusa tiegħu, tagħtu l-aqwa ġieh u l-ogħla tifħir u dejjem talbet l-għajnuna tiegħu f'kull tiġrib".[43]

Għaliex din il-fiduċja kollha f'San Ġużepp? Ljun XIII dan ifissru bil-kliem li ġej: "Ir-raġunijiet ghaliex San Ġużepp għandu

jitqies patrun speċjali tal-Knisja, u għaliex il-Knisja spiss titlob il-ħarsien u l-patroċinju tiegħu għaliha, huma raġunijiet tassew singulari: San Ġużepp kien ir-raġel ta' Marija u kien il-missier putattiv ta' Ġesù Kristu... għalhekk wieħed minnufih jifhem li kellu ċerti dmirijiet... San Ġużepp kien il-kustodju naturali u leġittimu, il-kap u d-difensur tad-dar ta' Alla, tal-Familja Mqaddsa... Kien jaqbel għalhekk u jixraq lil San Ġużepp li, kif darba ħares bla heda l-Familja ta' Nazaret, fil-ħtiġijiet kollha tagħha, hekk issa jiddefendi u jħares bil-patroċinju tiegħu missema l-Knisja ta' Kristu".[44]

29. Dan il-patroċinju għandu jitqies illum ukoll bħala meħtieġ għall-Knisja, mhux biss għall-ħarsien tagħha kontra kull tiġrib, imma wkoll, u l-aktar, biex iħeġġiġha għall-impenn ġdid ta' evanġelizzazzjoni tad-dinja, u ta' l-evanġelizzazzjoni ta' dawk l-artijiet u ta' dawk il-ġnus, li, kif għidt fl-Eżortazzjoni Appostolika tiegħi, *Christifideles laici,* "fl-imgħoddi fihom ir-reliġjon u l-ħajja nisranija kienu jiffjorixxu... u llum jinsabu mġarrbin ħafna".[45] Il-Knisja biex twassal il-Bxara t-tajba ta' Kristu għall-ewwel darba, jew biex terġa' twassalha fejn ġiet traskurata jew intesiet u spiċċat fix-xejn, teħtieġ "qawwa speċjali mill-għoli" (ara Lq. 24, 49; Atti 1, 8), id-don ta' l-Ispirtu tal-Mulej – don li hu marbut ukoll ma' l-interċessjoni u l-eżempju tal-Qaddisin tiegħu.

30. Minn barra li tafda fil-ħarsien ta' San Ġużepp, il-Knisja tafda wkoll fl-eżempju mill-aqwa li hu jagħtiha, eżempju li jisboq kull sura individwali ta'ħajja u jgħodd għall-komunità nisranija kollha, hi x'inhi l-qagħda ta' kull nisrani, u huma x'inhuma dmirijiethom.

Kif tgħid il-Kostituzzjoni dommatika tal-Konċilju Vatikan II dwar ir-Rivelazzjoni, il-Knisja trid iġġib ruħha bhal "min jisma' l-Kelma ta' Alla bil-qima kollha" [46], jiġifieri trid tkun dejjem lesta twieġeb minnufih u toqgħod bil-fedeltà kollha għar-rieda ta' Alla



għas-salvazzjoni tad-dinja, imħabbra lilna minn Ġesù. Sa mill-bidu tal-ġrajja tal-fidwa, wara Marija, insibu eżempju ta' ub-bidjenza f'San Ġużepp, ir-raġel magħruf bħala dak li dejjem għamel b'fedeltà kbira kull ma Alla ried minnu.

Il-Papa Pawlu VI ħeġġiġna biex nitolbu l-patroċinju ta' San Ġużepp "kif hi d-drawwa tal-Knisja li f'dawn l-aħħar żminijiet, l-ewwelnett talbet għaliha nfisha, hija u tikkontempla teoloġikament ir-rabta li hemm bejn l-egħmil tal-bniedem u l-egħmil ta' Alla fil-pjan tas-salvazzjoni; f'dan il-pjan l-egħmil ta' Alla waħdu hu biżżejjed, waqt li l-egħmil tal-bniedem ma jista' jasal imkien (ara Ġw. 15, 5), iżda mhux meħlus milli jagħti s-sehem umli u kundizzjonat tiegħu, sehem li hu ta' ġieħ kbir fl-istess ħin. Il-Knisja titlob ukoll il-patroċinju ta' San Ġużepp għax-xewqa kbira li għandha li ssaħħaħ il-ħajja tagħha ta' dejjem u ġġeddidha permezz ta' dawk il-virtujiet evanġeliċi li jiddu f'San Ġużepp".[47]

31. Il-Knisja tagħti sura ta' talba lil dawn il-ħtiġijiet kollha tagħha. Hija u żżomm quddiem għajnejha li Alla ried jafda "il-misteru tas-salvazzjoni meta kien għadu fil-bidu tiegħu taħt il-ħarsien fidil ta' San Ġużepp" il-Knisja titlob lil Alla li jkun jistħoqqilha sehem fil-ħidma tas-salvazzjoni u jkollha dik il-fedeltà u dak is-safa ta' qalb li wera San Ġużepp huwa u jaqdi l-Verb ta' Alla magħmul bniedem, biex timxi quddiem Alla bil-qdusija u l-ġustizzja, bl-għajnuna ta' l-eżempju u t-talb ta' San Ġużepp"[48]

Mitt sena ilu, il-Papa Ljun XIII ħeġġeġ l-insara kattoliċi kollha biex jitolbu lil San Ġużepp il-ħarsien tiegħu fuq il-Knisja Universali. L-enċiklika *Quamquam pluries,* hija u tfakkar "l-imħabba ta' missier" li biha San Ġużepp "ħabb il-Bambin Ġesù", u hija u ssellimlu bħala dak li ġie magħżul mill-provvidenza ta' Alla biex iżomm taħt il-ħarsien tiegħu l-Familja Mqaddsa, fdatlu "l-wirt għażiż li Ġesù Kristu rebaħ b'demmu". Minn dak iż-żmien – kif

jien fakkart fil-bidu ta' din l-eżortazzjoni – **il-Knisja dejjem talbet lil San Ġużepp il-patroċinju tiegħu**, f'ġieh "ir-rabta ta' mħabba li biha hu kien marbut ma' l-immakulata Omm Alla", u fdatlu l-ħsibijiet kollha tagħha u t-tiġrib kollu li qed ihedded il-familja kollha tal-bnedmin. **Ħafna huma l-kawżi llum li jġiegħluna nagħmlu din l-istess talba:** "O Missier l-aktar maħbub, biegħed minna din il-pesta ta' erruri u ta' ħażen...... ieqaf magħna mis-smewwiet f'din il-ġlieda li għandna mal-qawwa tad-dlamijiet u kif darba ħlist mill-mewt it-tfajjel Ġesù hekk iddefendi l-Knisja Mqaddsa ta' Alla mit-tnassis ta' l-egħdewwa tagħha u ħarisha minn kull hemm"[49]. **Illum ukoll** għad fadal ħafna raġunijiet għaliex **għandna nafdaw kull bniedem għall-ħarsien** ta' San Ġuzepp.

32. Nixtieq ħafna li dawn il-ħsibijiet tiegħi fuq San Ġużepp iqajmu fina dik id-devozzjoni lejn San Ġużepp li kellu l-Papa li mexxa l-Knisja mitt sena ilu. Żgur li din it-talba u l-istess figura ta' San Ġużepp huma ta' ġid kbir fi żmienna għall-Knisja fid-dawl tat-tielet elf sena nisranija li waslet biex tibda.

**Il-Konċilju Vatikan II wassal lilna lkoll biex mill-ġdid nagħarfu** "l-egħmejjel kbar ta' Alla", **jiġifieri "il-pjan tas-salvazzjoni"**, li fih San Ġużepp kellu missjoni speċjali. Meta aħna, għalhekk, nafdaw ruħna għall-patroċinju ta' dak li Alla "għażlu biex jafdalu t-teżori ewlenin tiegħu"[50], **minn għandu fl-istess ħin nitgħallmu kif naqdu "il-pjan tas-salvazzjoni"**. Jalla San Ġużepp ikun għalina lkoll l-Imgħallem ewlieni tagħna fil-qadi tal-**missjoni salvifika ta' Kristu**, li hi dmir ta' kulħadd u ta' kull wieħed mill-membri tal-Knisja: tal-miżżewġin u tal-ġenituri, tal-bnedmin kollha li jgħixu bix-xogħol ta' jdejhom u b'kull ħidma oħra li jagħmlu, ta' dawk kollha li huma msejħin għall-ħajja kontemplattiva jew għall-ħajja ta' appostolat.

Dan **ir-raġel ġust**, li ħaddan fih innifsu l-wirt kollu tal-Patt il-Qadim, **ġie mdaħħal ukoll fil-"bidu" tal-Patt il-Ġdid u għal dejjem f'Ġesù Kristu**. Jalla jurina t-triqat ta' dan il-Patt ta' salvazzjoni lilna li qegħdin fuq il-għatba tat-tielet elf sena, li fihom jeħtieġ li dan il-Patt jibqa', u tiġi dejjem aktar 'il quddiem dik "il-milja taż-żminijiet" li hi proprju ta' dak il-misteru ta' l-għaġeb li hu l-Inkarnazzjoni tal-Verb ta' Alla.

Jalla San Ġużepp jaqla' għall-Knisja u għad-dinja, u għal kull wieħed u waħda minna, il-barka tal-Missier, u ta' l-Iben, u ta' l-Ispirtu s-Santu.

Minn Ruma, minn San Pietru, fil-15 ta' Awissu – solennità tal-Verġni Marija mtellgħa s-sema – fis-sena 1989, il-ħdax-il sena tal-pontifikat.

**Ioannes Paulus pp II**



# NOTI

1. Ara S. Irinew, *Adversus Haereses,* IV, 23, 1-5.
2. Ljun XIII, enċiklika *Quamquam pluries,* 15 ta' Awissu 1889.
3. Kongregazzjoni tar-Riti, digriet *Quemadmodum Deus* tat-8 ta' Diċembru 1870; Piju IX *Acta* pars I vol. V, p. 282; Piju IX, ittra apostolika *Inclytum Patriarcham* tas-7 ta' Lulju 1871.
4. San Ġwann Griżostmu, *In Matth. Hom. V, 3.* Missirijiet il-Knisja u l-Papiet raw f'Ġużeppi ta' l-Eġittu xbieha ta' Ġużeppi ta' Nazaret, l-aktar għax għandhom l-istess isem: Ġużeppi ta' l-Eġittu b'xi mod ħabbar il-ministeru u l-kobor ta' Ġużeppi ta' Nazaret, li kellu taħt il-ħarsien tiegħu l-egħżeż teżori ta' Alla l-Missier – Il-Verb magħmul bniedem u 'l Ommu Marija. Ara vg. lil San Bernard, *Super "Missus est",* Hom. II, 16; enċiklika *Quamquam pluries* tal-15 ta' Awissu 1889.
5. *Lumen gentium,* 58.
6. *ibid,* 63.
7. *Dei Verbum,* 5.
8. *ibid.,* 2.

9. *Lumen gentium,* 63.
10. *Dei Verbum,* 2.
11. Kongregazzjoni tar-Riti, digriet *Novis hisce temporibus* tat-13 ta' Novembru 1962.
12. S. Wistin, *Sermo* 51, 10, 16.
13. S. Wistin, *De nuptiis et concupiscentia,* 1, 11, 12; Ara *De consensu evangelistarum,* II, 1, 2; *Contra Faustum,* III, 2.
14. S. Wistin, *De nuptiis et concupiscentia,* I, 11, 13; ara *Contra Iulianum,* V, 12, 46.
15. Ara S. Wistin, *Contra Faustum,* XXIII, 8; *De consensu evangelistarum,* II, 1, 3; S. Tumas, *Summa Theol.,* III 1. 29 a. 2 fil-konklużjoni.
16. Ara d-diskorsi tad-9 u tas-16 ta' Jannar u ta' l-20 ta' Frar 1980.
17. Pawlu VI Diskors lill-*Equipes Notre Dame* ta' l-4 ta' Mejju 1970. L-istess tifħir għall-familja ta' Nazaret bħala eżempju mill-aqwa ghall-ħajja td-dar insibuh, v.g. fl-ittra apostolika tal-Papa Ljun XIII *Neminem fugit* ta' l-14 ta' Ġunju 1892 u fil-motuproprju tal-Papa Beneditt XV *Bonum Sane* tal-25 ta' Lulju 1920.
18. *Familiaris Consortio,* 17.
19. ibid. 49; ara *Lumen gentium,* 11; *Apostolicam actuositatem,* 11.
20. *Familiaris Consortio,* 85.
21. Ara San Ġwann Griżostmu, *In Matth. Hom. V,* 3.
22. Pawlu VI, diskors tad-19 ta' Marzu, 1966.
23. Ara l-kolletta tal-Quddiesa tas-solennità ta' San Ġużepp.
24. Ara l-Prefazju ta' l-istess Quddiesa.
25. Ljun XIII, *Quamquam pluries.*
26. Piju XII messaġġ bir-radju lill-istudenti ta' l-iskejjel kattoliċi fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, nhar id-19 ta' Frar 1958.
27. Oriġene, *Hom. XIII in Lucam,* 7, 5.
28. Oriġene, *Hom. XI* in Lucam, 6, 5.
29. Ara l-ewwel talba ewkaristika.
30. Kongregazzjoni tar-Riti digriet *Quemadmodum Deus* tat-8 ta' Diċembru 1870.
31. Prefazju tal-Quddiesa tal-Verġni Marija ta' Nazaret mill-Ġabra tal-Quddies f'ġieħ il-Madonna.
32. *Familiaris Consortio,* 16.
33. Ljun XIII, enċiklika *Quamquam pluries.*
34. *Laborem exercens,* 9.



35. *ibid.* 24. Il-Papiet f'dawn l-aħħar żminijiet dejjem urew lil San Ġużepp bħala "eżempju" għall-ħaddiema (ara v.g. Ljun XIII enċiklika *Quamquam pluries;* Beneditt XV motuproprju *Bonum sane;* Piju XII diskors tal-11 ta' Marzu 1945 u diskors ta' l-1 ta' Mejju 1955; Ġwanni XXIII diskors fuq ir-radju ta' l-1 ta' Mejju 1960.
36. Pawlu VI diskors tad-19 ta' Marzu 1969.
37. *ibid.*
38. Ara. S. Tumas *Summa Theol.* II-IIae, q. 82, a.3, ad 2.
39. *ibid. iii,* q. 8, a.1, ad 1.
40. Ara Piju XII enċiklika *Haurietis aquas* tal-15 ta' Mejju 1956.
41. Ara San Tumas, *Summa Theol .* II-IIae q. 182, a.1, ad 3.
42. Ara Kongregazzjoni tar-Riti digriet *Quemadmodum Deus.*
43. *ibid.*
44. Ljun XIII, *Quamquam pluries.*
45. *Christifideles laici,* 34.
46. *Dei verbum,* 1.
47. Pawlu VI diskors tad-19 ta' Marzu 1969.
48. Kolletta u Talba fuq l-offerti tal-Quddiesa tas-solennità ta' San Ġużepp, u talba ta' wara t-tqarbin tal-Quddiesa Votiva ta' San Ġużepp.
49. Ara Ljun XIII, Talba lil San Ġużepp li tinsab fl-aħħar ta' l-enċiklika *Quamquam pluries.*
50. Kongregazzjoni tar-Riti, digriet *Quemadmodum Deus.*